**MALTA**
**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-06 ta' Frar, 2018**

Kawza numru: 365/2015 AM3

Numru fuq il-lista: 32

**Noel Camilleri (KI35467M) f'isem proprju u ghan-nom u f'kull interess ta' ibnu minuri Luke Camilleri**

**'Akwarella'**

**Triq in-Naggar,**

**Mosta**

**u b'digriet ta' dan it-Tribunal ta' nhar l-01 ta' Gunju, 2015 ghandhom jizdiedu l-kliem "u martu Maryanne Griffin Camilleri"**

**Vs**

**Jamie Bezzina (KI452992M)**

**Triq L. Mifsud Tommasi,**

**Zebbug**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mill-attur li permezz taghha talab minghand il-konvenuta s-somma ta' elf mitejn u hamsa u disghin ewro (€1,295) rapprezentanti l-ammont kemm jiswa laptop tal-marka Apple MacBook pro MD101 B/A 13" Core i5 2.5 Gh`, piu l-ammont ta' mija u tlieta u ghoxrin ewro (€123) rapprezentanti spejjez

inkorsi sabiex forsi l-apparat kien jissewwa mill-hsarat li kellu piu imghax legali liema hsarat gew ikkagunati minhabba incident li sehh f'Torre Paulina il-Madliena fil-lejl ta' bejn wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn tali incident sehh minhabba nuqqas u negligenza min-naha tal-konvenuta kif se jigi pruvat iktar il quddiem fil-mori mertu ta' din il-kawza.

Ra r-risposta tal-konvenuta a fol 9 li permezz taghha eccepiet li t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt; li hija mhix responsabbli ghal hsarat li qieghed jallega l-attur u minghajr ebda pregudizzju l-ammont mill-attur huwa sproporzjonat u eccessiv.

Fl-affidavit tieghu Noel Camilleri missier Luke Camilleri l-attur xehed li ibnu jhobb idoqq il-muzika u anke jmur jithgallem u jipprattika l-hobby tieghu flimkien ma' Anthony Cauchi. Fil-31 ta' Dicembru, 2013 huwa waslilhom l-appart gewwa Torre Paolina l-Madliena peress li ibnu kien se jdoqq flimkien ma' Anthony Cauchi f'family party. Wara mar ghat-tifel u sabu jibki u qallu li kien hemm tfajla li waqqghet id-drink fuq il-laptop tieghu u dan l-laptop kien waqaf jahdem. Fittxew lil din it-tfajla izda kienet lahqet telqet. L-ghada bdew iffitxuha u wara xi jumejn ibnu gharafha bhala l-persuna li waqqghet id-drink fuq l-laptop tieghu mill-Facebook.

Huma marru biex jippruvaw isewwu dan l-laptop l-icentre izda l-impjegat tal-icentre qallhom li jekk jippruvaw jintervjenu b'emergenza kien ghad forsi hemm cans li jsalvawh u ddecidew li jhallsu xi haga zghir biex isir dan izda kien kollu ghal xejn ghax mill-icentre infurmawhom li ma rnexxilhomx isalvawh. Wara sitt xhur irnexxilhom jirrangaw ghand l-Atom tal-Mosta.

Meta sabu lil konvenuta hija ammettiet maghhom li waqqghet id-drink dakinhar fuq l-laptop izda li ma kienx tort taghha. Saru tentattivi ohra biex jippruvaw jaslu ghal ftehim izda kien kollu ghalxejn.

Fl-affidavit tieghu Anthony Cauchi a fol 20 xehed li huwa jaf lil Luke Camilleri li kien jitghallem ix-xoghol ta' dj mieghu. Il-laptop Luke gabu mieghu dakinhar Torre Paolina ghax fih ikollu d-diski ssejvjati li juzaw ghal party. Huwa ra tazza ta' drink

mimlija fuq l-apparat u warrabha izda giet il-konvenut u qabdet din it-tazza u qaltlu li kienet taghha. Huwa qalilha biex ma thallix it-tazza hemmhekk ghax kellhom l-apparat. Il-konvenuta qaltlu le le u marret biex tipprova taghmillu 'cheers' u waqqghet nofs it-tazza taghha fuq l-apparat u l-kontenut tad-drink waqa' primarjament fuq il-laptop tal-attur u fuq il-cover tac-cd player. Il-konvenuta inhasdet u qaltlu sorry, gabet xi tissues biex huma jimshu dak li waqqghet. Il-laptop wara ftit intefa ghal kollox u l-attur beda jibki. Huwa kien prezenti meta missier l-attur mar ikellem lill-konvenuta fir-residenza fejn toqghod mal-gharus taghha.

A fol 31 xehed l-attur Luke Camilleri li spjega li l-laptop kien xtrah minn Scan Computers u d-DJ controller tad-ditta Pioneer u par headphones tad-ditta JVC. Huwa spjega li dakinhar tal-incident kien hemm tfajla u zewg nisa li qeghdu t-tazzi taghhom fuq l-ispeakers li Anthony Cauchi kellu armati. Kif induna b'dan Anthony huwa qallhom biex ma jqeghdux it-tazzi hemm u zewg nisa nehhew it-tazzi taghhom izda l-konvenuta baqghet tinsisti u tpoggi t-tazza taghha mimlija hemmhekk fejn kienet tixrob minnha u terga tpoggiha fuq l-ispeakers. Anthony Cauchi beza li taqa' it-tazza u tispicca fuq l-appart u qieghed it-tazza f'post aktar sikur warajhom f'hogor it-tieqa li kien hemm warajhom.

Il-konvenuta talbet t-tazza lura lil Cauchi u huwa qallha biex ma tergghax tpoggi t-tazza vicin l-apparat. Hija kienet tidher naqra imlahalha u x'hin daqq nofs il-lejl hija resqet lejh u ghamlet 'cheers' fejn speci zelqet imma baqghet fuq saqajha izda li kellha fit-tazza spicca fuq l-laptop tieghu li kien qed juza. Hija skuzat ruha u bdiet timsah l-laptop u huwa waqqafha ghax bdiet taghfas hafna. Wara ftit il-laptop intefa u huwa ppanikja u cempel lil missieru.

Meta sabu fejn toqghod il-konvenuta huwa u missieru marru jkellmuha biex thallshom tal-laptop li hasret izda hija sabtitilhom il-bieb f'wicchom.

Ipprova jsewwih ghax l-i Centre u hallas sebghin ewro (€70) biex jissewwa malajr u tlieta u hamsin ewro (€53) tas-servizz izda qalulu li l-laptop ma jissewwiex. Wara sab kumpanija Atom u hallas hames mija u tmien ewro u sebgha u erbghin

centezmu (€508.47c) biex sewwewh izda l-laptop xorta baqa' difettuz fejn ghandu l-mouse u l-keys ma baqghux jahdmu apparti li sar slow hafna.

A fol 53 in kontro-ezami xehed li ghalkemm sewwa l-laptop huwa jista juzah biex jibbekkja l-affarijiet izda ma jistax juzah ghax-xoghol. Xogholu huwa ta' editing ta' videos u muzika u l-laptop huwa wisq slow u l-keyboard u l-mouse ma humiex jahdmu sew. Waqt l-incident huwa spjega li d-drink waqa' mhux meta messew it-tazzi ma' xulxin izda meta l-konvenuta resqet lura u tant hu veru li l-konvenuta waqqghet id-drink li qaltlu "sorry". Qabel l-incident il-laptop kien jahdem sew u kien ghadu gdid.

A fol 42 xehed Gordon Scerri impjegat ma' Scan Computers li kkonferma li l-laptop inxtara minghandhom ghal prezz indikat ta' elf mitejn u hamsa u disghin ewro (€1,295) (fol 36) fil-05 ta' Lulju, 2013.

A fol 45 fl-affidavit taghha l-konvenuta xehdet li veru kienet Torre Paolina dakinhar li gara l-incident flimkien mal-gharus taghha. Hija tiftakar li l-mejda tad-dj kienet baxxa fejn sahansitra kulhadd seta' jkollu access ghall-apparat tad-dj. Ghal habta ta' nofs il-lejl hija poggiet id-drink taghha fuq li speaker pero' d-dj nehieh u qalilha biex ma taghmlux hemm. Hija qaltlu li ghandu ragun u ghamlu 'cheers' fejn waqa' ftit alcohol miz-zewg tazzez izda ma gara xejn. Il-muzika baqghet ghaddejja u kien hemm bosta nies ohra li bdew jaghmlu 'cheers' mad-dj warajha. Hija kkonfermat li fit-03 ta' Jannar, 2015 mar xi hadd ihabtilha l-bieb u kien hemm ragel u mara u staqsewha kienetx Torre Paolina fl-ahhar ta-sena u spjegawli li minhabba d-drink li waqqghet fuq l-laptop hija kkawzatlu hsara. Hija avzat lill-gharus taghha biex jghidilhom li hija ma waqqghet ebda drink meta regghu marru jumejn wara. Hija tinnega li waqqghet d-drink fuq il-laptop u skont hi kieku kien hekk kienu jkellmuha dak il-hin u mhux wara.

In kontro-ezami a fol 56 l-konvenuta xehdet li dakinhar kulhadd ikun jixrob u li d-dj qalilha biex taqbad id-drink u ma hallihiex hemmhekk minhabba l-ispeakers u hekk ghamlet. Hija tinnega li regghet marret hdejn l-ispeakers izda li gara kien li n-nies kienu kollha madwar l-apparat tal-muzika u kull min kien ghaddej xorta setgha

jwaqqa' drink vicin l-affarijiet. Hija tiftakar li lid-dj ghamliltlu 'cheers' u ma tiftakar xejn aktar. Meta regghet giet mistoqsija x'gara meta ghamlet 'cheers' hija wiegbet li mac-'cheers' waqa' l-alcohol u jekk waqa' d-drink waqa' miz-zewg tazzez. Hija kkonfermat li baqghu l-party kwazi sal-ahhar u hadd ma kien kellimhom xejn.

A fol 46 Matthew Borg xehed li lejliet l-Ewwel tas-Sena kien Torre Paolina u waqt il-countdown id-dj beda jaghmel 'cheers' ma' hafna nies fosthom mal-konvenuta. Huwa jiftakar li waqt li l-konvenuta u d-dj habtu t-tazzi flimkien waqa' ftit alcohol mit-tazzi izda ma gara xejn u kollox baqa' ghaddej normali. Huwa baqghet Torre Paolina sakemm kwazi ghalaq il-post u hadd ma mar fuqhom jghidilhom xi haga fuq din il-grajja. Huwa kkorrobora dak li xehdet il-konvenuta meta l-konvenut u l-familjari taghha marru wara biebhom biex jinfurmawhom li l-konvenuta ghamlet hsara fil-laptop u ghandha thallas ghal din il-hsara.

Ra li l-partijiet ghalqu l-provi.

Semgha t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra

Mill-provi jirrizulta li l-konvenut kien xoghol bhala dj f'lejliet l-Ewwel tas-Sena tas-sena elfejn u tlettax (2013) u l-ewwel tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn il-konvenuta marret biex ticcelebra t-tmiem tas-sena u l-bidu tas-sena l-gdida. Gara li waqa' alkohol minn tazza liema alcohol ghamel hsara lil laptop tal-attur. Kif waqa' dan l-alkohol il-partijiet ma jaqblux, l-attur jghid li dan gara meta huwa u l-konvenut mad-daqq ta ' nofs il-lejl cekcku t-tazzi flimkien u l-alkohol waqa' mit-tazza tal-konvenuta ghal fuq l-laptop u kkawzalu hsara u l-konvenuta tinnega li hija waqqghet dan l-alkohol ghax kien hemm hafna nies madwar fejn kien qed jahdmu l-attur u siehbu jcekcku t-tazza mat-tokk ta' nofs il-lejl. L-gharus tal-konvenuta Matthew ukoll jghid li l-partijiet cekcku t-tazzi ma' xulxin u waqa' xi alcohol.

L-attur l-ewwel mar isewwi l-laptop ghand l-I Centre a fol 28 ( ripetuta a fol 39) li fis-06 ta' Jannar, 2014 i nfurmawh li biex isewwuh hemm spejjez ta' elf u tlett mitt ewro (€1,300) u wiehed gdid jiswa elf mitejn u disgha u disghin ewro (€1,299) (fol

36) u jekk ma jsewwihx xorta johdulu tlieta u hamsin ewro (€53) service charge. Li huwa sab lil kumpanija Atom u sewwieh ghandha u nefaq hames mija u tmien ewro u sebgha u erbghin centezmu (€508.47c) ( fol 41 datat 08 ta' Mejju 2014) eskluz il-VAT izda xorta wahda l-laptop ma baqax kif kien ghax sar slow hafna u l-mouse u l-keys ma baqghux jahdmu. Fol 41 juri kont ta' sitt mija u tmienja u tletin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€638.84c) izda l-ispejjez tat-tiswija minn l-istess dokument huwa li huma ta' hames mija u tmien ewro u sebgha u erbghin centezmu (€508.47c).

Ikkunsidra ulterjorment

L-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili jippreciza in linea generali illi "kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hsara li tigri minhabba f'hekk."

Kif inghad, ir-responsabbilita' ghad-danni tista' tkun wahda minn zewg tipi – (i) dik maghrufa bhala responsabbilita' *contrattuale* u (ii) dik maghrufa bhala responsabbilita' *extra contrattuale* jew *aquiliana.* Dawn iz- zewg tipi ta' responsabbilita' ghad-danni ghandhom numru ta' differenzi bejniethom, fosthom – (i) l-oneru tal- prova; (ii) l-effetti guridici; u (iii) it-terminu *entro* liema l- azzjoni ghad-danni, *nascenti* mit-tip ta' responsabblita' specifika, ghandha tigi istitwita.

Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni *nascenti* mir-responsabbilita' *contrattuale* l-attur ghandu jipprova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-istess attur. F'din it-tip ta' azzjoni huwa l-konvenut li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu, stante li l-konvenut ghandu jiggustifika l-inadempjenza kontrattwali tieghu u jipprova li tali inadempjenza *se mai* rrizultat minhabba fattur fuq liema ma kellux kontroll.

Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni *nascenti* mir-responsabbilita' *extra-contrattuale* bhal fil-kaz odjern, huwa l-attur li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu ghaliex f'tali kaz huwa jrid jipprova n-*nexus* bejn l-agir tal-konvenut u d-dannu minnu soffert.

Ir-responsabbilita' ghad-danni tirrizulta mir-rabta guridika jew nuqqas taghha, u dana skontd il-kas, li hemm bejn il-partijiet kontendenti. Torrente jaghti ezempju car sabiex ikun jista' jaghraf id-distinzjoni bejn rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilita' *contrattuale* u n-nuqqas ta' rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilita' *extra contrattuale.*

*"Se io viaggio in tram, e, quindi, ho concluso un contratto di trasporto, e mi ferisco in un incidente, e' sufficente che io provi di essermi trovato nel tram e di essere stato ferito. Se, invece, mentre passo per la strada, sono investito dal tram, ho l'onere di provare non soltanto l'incidente, ma anche il dolo o la colpa del vettore o dei suoi agenti".* (Torrente & Schlesinger "Manuale Di Diritto Privato", para. 394 pg 639)

Id-distinzjoni bejn dawn iz-zewg sitwazzjonijiet hija proprio l-ezistenza o meno tar-rabta obbligatorja antecedenti ghall-att jew ommissjoni li ta lok ghad-dannu li l-attur jallega li gie lilu kkawzat. Fil-kaz tal-*viaggio in tram* evidentement hemm kuntratt ta' gar u quindi hemm obbligazzjoni antecedenti ghall-att jew ommissjoni li tat lok ghall-incident, filwaqt li fil-kaz ta' l-incident l-iehor - dak li jaghti lok ghar-responsabbilita' *extra contrattuale* – ma hemmx din ir-rabta obbligatorja antecedenti ghall-istess incident. In effetti Torrente jispjega illi fl-ambitu tar- responsabbilita' "*extra contrattuale ... un rapport* O *obbligatorio ancora non esiste tra le parti ed essa consiste nella trasgresione di un dovere generico di contegno."*

Fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili wara l-kawza fl-ismijiet "Vassallo vs Mizzi et", deciza fid-09 ta' April, 1949, (Vol. XXXIII.II.379) il-Qorti kkunsidrat illi *"l-htija meta tigi kkunsidrata fl-entita' taghha, hija wahda; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejha aquiliana, li titnissel minn delitt jew kwazi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawza u fil-grad. In kwantu ghall-kawza, il-htija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-ezistenti li maghha*

*hija marbuta; mentri l-htija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel ex nunc. In kwantu ghall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilita' fis-sens illi fil-kolpa kontrattwali wiehed jista' jirrispondi ta' htija hafifa skond il-kaz, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilita' testendi ruhha b'mod li dwarha ma hemmx grad."*

F'dan il-kaz ghalhekk jirrigwarda colpa extra contrattuale bejn il-partijiet.

Oltre dan, cioe' l-incident li hadd mill-partijiet ma jiddubita li sar l-incident l-attur irid jipprova li dan sar mill-konvenuta u wkoll irid jipprova n-nexus bejn l-agir tal-konvenuta u d-dannu minnu soffert. Mill-provi jirrizulta li waqa' l-alkohol fuq il-laptop tal-attur. L-attur u siehbu jikkonfermaw li dan l-alkohol waqa' mit-tazza tal-konvenuta meta marret biex taghmel 'cheers' mal-attur mentre l-konvenuta u l-boyfriend taghha jghidu li l-alkohol setgha waqa' mit-tazza tal-konvenuta jew mit-tazzi l-ohra kollha ta' min kien fil-madwar tal-apparat jaghmel 'cheers' mat-tokki ta' nofs il-lejl.

It-Tribunal ifakkar li fil-Kamp Civili l-grad tal-prova huwa dak sal-probabilita'. Kif konfermat ripetutament mill-Qrati taghna, fosthom fil-kaz Emanuel Ciantar vs David Curmi noe (Nru 153/1994 PS deciza 28 ta' April, 2003).

"Fil-Kamp Civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta`azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad- differenza ta' dak li japplika fil-Kamp Kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)".

Dwar il-piz tal-prova jinghad, b'referenza ghas-sentenza deciza nhar it-13 ta' Jannar, 2001 fl-ismijiet **Nancy Caruana vs Odette Camilleri** jinghad li :- "*Il-piz tal-prova ta' dak li hemm allegat fic-citazzjoni jinkombi fuq l-atturi li qeghdin jaghmlu l-imsemmija allegazzjoni u dana in bazi ghall-principju legali 'ei incumbit probatio qui dicit non ei qui*

*negat'. Il-Qrati taghna pero`, fuq l-iskorta ta' awturi Inglizi eminenti, jaghmlu distinzjoni bejn il-prova li jehtieg li ssir f'kawza kriminali u l-prova li ghandha ssir f'kawza civili fis-sens illi filwaqt illi f'kawza kriminali l-htija ta' l-akkuzat trid tigi ppruvata 'beyond reasonable doubt', f'kawza civili bizzejjed li jkun hemm 'moral certainty', certezza morali f'mohh il-gudikant izda mhux bizzejjed li jkun hemm 'a mere possibility'. Din ic-certezza morali ghandha tigi bbazata fuq fatti ppruvati bi provi espressi u fuq l-inferenzi li naturalment u probabilment jemergu minn dawn il-fatti. Ic-certezza morali, rikjesta f'kawza civili, hija l-effett tal- 'balance of probabilities'."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Enrico Camilleri vs Martin Borg** deciza mill-Qorti ta' l-Appelli nhar is-17 ta' Marzu, 2003 inghad li *"Il-gudikant, fil-Kamp Civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull Tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal- probabilitajiet.*

*Il-Qorti allura jehtigilha tara jekk il-versjoni l-wahda ghandhiex teskludi lill-ohra fuq il-bilanc tal-probabilitajiet. B'hekk ukoll jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l- iskappatoja tad-dubju u ssib rifugju mir-regola ta' "in dubio pro reo".*
*Meta zewg verzjonijiet kapaci jitqiesu plawsibbli u veritiera u ma jkunx jista' jinghad li tirrizulta dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra, f'tali sitwazzjoni ma jibqax lecitu ghall- gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l- attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu. Actor non probante, reus absolvitur."*

Illi ghalhekk in sintezi jinghad dwar il-piz ta' prova, u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza nhar it-tnax (12) t'April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras li:

*"In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl- ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal- provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas- sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*

*b) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*

*c) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

d) *Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il- principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar- rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l- konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal- konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill- artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita', kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju* ***Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco*** *– App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";*

Dan it-Tribunal jghid ukoll li ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda

jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja ("Borg vs Bartolo" – Appell Inferjuri – 25 ta` Gunju, 1980). Dan ghaliex, kif drabi ohra nghad, "huwa wkoll principju ta' gustizzja naturali illi l-gudikant ghandu jiddeciedi '*ixuta allegata et probata*' u ma jistax jiddeciedi manifestament u ovvjament kontra dak li gie quddiemu pruvat" (Ara "**Carmel Gerada -vs- Charles Borg Barthet (Beta Centre)**", Appell, 29 ta' Jannar, 1999).

Mill-ezami tieghu tal-inkartament tal-kaz dan it-Tribunal meta tizen il-verzjonijiet tal-konvenuta fid-dawl tal-provi kollha mressqa f'din il-kawza, it-Tribunal isib l-verzjoni tal-konvenuta li ma kienetx hi li waqqet l-alkohol fuq il-laptop tal-attur ma hix attendibbli tenut kont li dakinhar hija kienet imlahalha kif tammetti hija stess u x-xhieda ta' Anthony Cauchi li meta l-konvenuta waqqef l-alkohol qaltlu 'sorry' u gabet tissues biex tixxotta dan l-alkohol bhala wahda kredibbli kif hija kredibbli l-verzjoni tal-attur li spjega li l-incident gara meta l-konvenuta meta kienet qed taghmel 'cheers' speci zelqet bi-tazza f'idha izda baqghet fuq saqajha u bil-moviment li ghamlet spiccat waqqet dak li kellha fit-tazza fuq l-laptop tieghu.

Dan igib necessarjament b' konsegwenza li l-konvenut kienet in kolpa u li din il-kolpa kienet derivata min-nuqqas ta' uzu tal-prudenza, diligenza u l-hsieb tal-missier tajjeb tal-familja li jippreciza l-Artikolu 1032 (1) tal- Kodici Civili.

Issa ghal dawk li jirrigwarda l-quantun, dan it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza: **G Degiorgio vs Dr J Zammit Tabona** et PA 29/10/1970 u sentenza hawn fuq imsemmija: **Victor u Anne Claire Anastasi vs Nicholas and Nathasha Parnis England**, li biex wiehed jidditermina l-kwantum huwa ragonevoli li dan ikun l-prezz talli hallset is-socjeta attrici biex sewwiet id-difetti fil-magna. Fil-kaz in ezami l-attur baqa' bil-laptop difettuz u li ghalkemm gdid jiswa elf mitejn u disgha u disghin ewro (€1,299) dan it-Tribunal iqis li meta gara l-incident l-laptop kien ilu ghandu diga ilu ghandu ghal aktar minn hames xhur, u li meta sewwieh l-attur tali laptop baqa juzah izda limitatament u mhux kif kien qabel, iqis li s-somma ta' elf ewro (€1,000) fic-cirkustanzi hija wahda gusta u ekwa.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi isib lil konvenuta responsabbli ghad-danni kagonati fil-laptop propjeta' tal-attur u ghalhekk jichad l-eccezzjonijiet kollha taghha u jilqa it-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta' elf ewro (€1,000).

Bl-ispejjez inkluza dawk tal-ittra ufficjali a karigu tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikant**